# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru:444/97

Emanuel Scicluna

vs

Public Broadcasting Limited u b' digriet tat-30 ta' Marzu 1999 giet korretta ghal Public Broadcasting Services Limited u Maltacom p.l.c. gja Korporazzjoni Telemalta li giet kjamata fir-rikors b' digriet tal-14 ta' Frar 2000

Illum 23 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi r-rikorrent ilu ghal dawn l-ahhar 20 sena jahdem fix-Xandir Pubbliku bhala

technician u ghal disa’ snin minnhom mas-socjeta’ intimata. Illum jinsab jahdem bhala Studio Control Operator.

Illi hu jipposjedi diversi certifikati fost ohrajn ‘City and Guilds’ u ‘Diploma’.

Illi f’dawn id-disa’ snin hu qatt ma ha promozzjonijiet filwaqt li ohrajn li jipposjedu inqas kwalifiki minnu hadu promozzjoni.

Illi aktar minn hekk hu suppost kellu jircievi Lm250 fis-sena allowance tad-diploma, tawh parti minnha u giet itterminata ingustament cio` nonostante li din kienet stabbilita bi ftehim kollettiv.

Ghaldaqstant ir-rikorrent ghar-ragunijiet fuq msemmija talab lit-Tribunal jistabilixxi li hu kien intitolat jigi promoss fl-ahhar sejha ghall-promozzjonijiet u/jew jillikwida dak l-ammont ta’ kumpens li huwa xieraq fic-cirkostanzi.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Public Broadcasting Services Limited li eccepiet:

1. Illi preliminarjament, in-nullita` tar-rikors peress illi l-isem tal-kumpanija intimata huwa indikat bhala “Public Broadcasting Limited” mentri fil-fatt hi “Public Broadcasting Services Limited”.

2. Illi r-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu ghal dawn l-ahhar disa' snin, ossija relativament anke ghall zmien meta l-kumpanija Public Broadcasting Services Limited lanqas biss ma kienet tezisti, u ghaldaqstant jekk it-talba hi riferibbli ghall-zmien antecedenti l-formazzjoni ta' Public Broadcasting Secrvices Limited, l-imsemmija kumpanija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tar-rikorrent qed tigi kontestat fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi r-rikorrent illum u qabel kien jahdem bhala Operator pero` qatt bhala Technician. Meta nghaqad ma' Public Broadcasting Services Limited fl-1993, xogholu baqa' l-istess, ossija dak ta' operator, u dana kif jirrizulta mill-ittra tas-16 ta' Dicembru, 1994 Dok X. Il-kumpanija kienet harget applikazzjonijiet ghall-Senior Technician, li ghaliha r-rikorrent ma setax japplika ghax ma kienx Technician, u fil-fatt il-kumpanija lanqas biss qatt harget applikazzjonijiet ghall-technician.

5. Illi di piu` fil-linja li fiha qieghed ir-rikorrent ma kienx hemm ebda applikazzjoni ghall-promozzjoni kemm ilha mwaqqfa l-kumpanija.

6. Dwar l-allowance li ghaliha jirreferi r-rikorrent din kienet giet stabbilita fil-ftehim kollettiv tal-Korporazzjoni Telemalta u qatt f'dak tal-kumpanija intimata, tant li fil-ftehim kollettiv prezenti tal-kumpanija ma hemm ebda klawsola dwar allowance ghall-diplomi.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda u dokument prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien jahdem mad-Diplomatic Station f'Delimara bhala "mechanic" fl-1960 u wara sar Technician A4. Mid-dokument esebit a fol 24 (RS3) liema dokument inhareg mid-Diplomatic Wireless Service ir-rikorrent gie deskritt bhala Technician A/4. Fl-1976 gie mahtur mill-Bord tal-Korporazzjoni Telemalta bhala "Technical Operator" (Dok RS2). Wara gew trasferiti ma' Xandir Malta fl-1985. Il-kariga tieghu fl-1989 kienet ta' Telecom Technician III. Fil-bidu tal-1987 segwa b'success kors ta' Diploma fl-Applied Social Studies (Labour Studies) mill-Universita` ta' Malta u esebixxa c-certifikat a fol 6 tal-process.

Meta ma kompliex jircievi l-allowance tad-diploma a tenur tal-ftehim kollettiv klawsola 25 staqsa dwar dan lill-kaxxier. Sa mill-

1990 kien ilmenta li ma kienx qed jinghata promozzjoni. Zied li jaf b' kazijiet ta' impjegati li kellhom anqas kwalifiki minnu u xorta wahda nghataw promozzjoni u semma lil Lino Scicluna, Publius Micallef u Freddie Bongailas li kienu jaghmlu xoghol bhalu. It-tlieta li huma kienu nghataw promozzjoni u saru "Technical Officers" wara li kien sar "interview" f' Lulju 1989. Sostna li l-General Workers' Union kienet oggezzjonat f' ismu. Meta spicca Xandir Malta kompla jahdem mal-Public Broadcasting Services Limited.

In kontro ezami r-rikorrent xehed li fl-1989 ha l-kariga ta' Telecom Technician III, grad tat-Telemalta. Qal li x-xoghol ta' Technician huwa li tahdem fuq l-audio u s-services, waqt li Operator ikollu magna u joperaha. Technician huwa aktar mill-grad ta' Operator ghaliex irid ikollok is-City & Guilds biex tkun Technician. Mal-P.B.S. kompla jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel mat-Telemalta. Semma li kien dahal mal-P.B.S. fil-grad ta' Studio Operator.

Ray Libreri impjegat mal-P.B.S. li fi zmien kien fil-pagi u fil-personnel section xehed li "Fil-ftehim kollettiv li kien jaghlaq fl-1995 kien hemm klawsola li kull min ikollu diploma jew degree l-Universita` ikun intitolat ghall-allowance. Dan il-collective agreement peress li kien applikabbli minn 1993 sa 1995 imma gie ffirmat wara 1993 nghid li l-allowances kienu nghataw retrospettivament mill-1993. Mistoqsi niftakarx li dak iz-zmien Emanuel Scicluna kien qed jikkontendi li ma hax l-allowance dovut lilu kollu, nghid li niftakar li qalli li ma hax kollox… Fl-

ewwel ftehim kollettiv tal-PBS ma kienx hemm klawsola li tipprovdi ghad-diplomi biex jinghataw allowances skond id-diplomi li jkollhom l-Universita`. Din il-klawsola ddahhlet fit-tieni ftehim kollettiv."

Toni Abela rapprezentant tal-PBS xehed li fi Frar 1994 ir-rikorrent ircieva l-ammont ta' extras fil-paga ta' Lm 260. Dawn kienu maqsumin Lm31 li kienu fuq arretrati ta' sahra u Lm229 li kienu proporzjonalment ghal allowances tad-diploma tieghu. Fil-fatt nghid illi thallas hdax-il xahar biss peress li l-collective agreement tat-Telemalta kien jibda f' Ottubru 1992 u s-Sur Scicluna kien mar mal-P.B.S. mill-ewwel ta' Settembru 1993. Minn dan ifisser li s-Sur Scicluna ha dak kollu li kien dovut lilu skond il-collective agreement tat-Telemalta, fejn jirrigwarda d-diploma tieghu. Ir-rikorrent kien jahdem fil-grad ta' Studio Operator. It-Technicians jaqghu taht il-grad ta' Technical Officer jigifieri Studio Operators ma jistghux jaqghu taht grad ta' Technicians.

**KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-eccezzjoni preliminari tan-nullita` tar-rikors minhabba l-isem tas-socjeta` intimata kienet intalbet il-korrezzjoni u ghalhekk l-eccezzjoni m' ghadhiex aktar applikabbli.

Illi kienet intalbet il-kjamat in kawza tal-Maltacom p.l.c. bhala successur tat-Telemalta izda r-risposta tal-imsemmija socjeta` giet prezentata tardivament u b' digriet tat-18 ta' Ottubru 2000 din ir-risposta giet sfilzata.

L-ilment tar-rikorrent jirrigwarda nuqqas ta’ promozzjoni ghal TO I fiz-zmien li kien jahdem mat-Telemalta u allowances ghad-diploma. Dwar l-ahhar aspett tal-ilment u cioe` l-allowances ghad-diploma fiz-zmien li kien qieghed jahdem mal-Public Broadcasting Services Limited is-Sur Tony Abela xehed li fil-fatt ir-rikorrent gja thallas tal-ammonti dovuti u ta indikazzjoni ta’ dawn l-ammonti kif fuq imsemmi dettaljatament waqt li r-rikorrent kull ma seta’ jghid kien li ma jafx ezattament fejn qieghdin il-pay slips. Ghalhekk dan l-aspett tal-ilment tar-rikorrent qieghed jigi michud. Inoltre t-Tribunal jaghmel referenza ghad-diversi sentenzi moghtija minnu fejn gie ritenut illi allowances mhumiex tal-kompetenza tieghu jekk dawn jitqiesu wahedhom u mhux bhala parti minn telf ta’ allowances kawza ta’ hatra jew transfer.

Dwar l-aspett l-iehor tal-ilment u cioe` tan-nuqqas ta’ promozzjoni fl-1989 meta applika ghall-grad ta’ TO I meta kien ghadu jahdem mat-Telemalta it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza moghtija fis-6 ta’ Novembru 2001 fir-rikors numru 1108/97 fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman Maltacom p.l.c. fejn qal:

**“Allokazzjoni Generali ta’ Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma’ principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma’ principju ta’ logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema

livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 15% |
| Kwalifiki | 25% |
| Mistoqsija Teknika | 15% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

Analizi tar-Rizultati:

Fuq l-aspett tas-**snin ta' servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz

ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja."

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 7; it-Tribunal jinnota li r-rikorrent skond l-affidavit dahal jahdem mat-Telemalta fl-1976 u ghalhekk suppost li nghata 13-il marka u mhux 7 ghax ghalkemm ma hemm imnizzel xejn fir-rapport li l-marki nghataw wahda ghal kull sena meta qies l-allokazzjoni ta' 30 marka bil-fors li trid tinhadem b' marka ghal kull sena; ghalhekk ir-rikorrent qed jinghata 13-il marka;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 4; meta wiehed iqis in-numru ta' snin li kien ilu mal-korporazzjoni kien haqqu 10; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 8;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 8; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 14;

Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 3;

Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marka ta' 4;

Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka tibqa' 4.

Dan igib it-Total ghal TO I ghal 46.  Illi ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.